**Meta nqum**

Wara raqda tant mixtieqa
It-*trigger* messni biex inqum,
Kemm qed insibha bi tqila
Biex f'idejja nieħu t-tmun!

Mhux aħjar nibqa' fis-sodda
Hawn almenu m'hawnx problemi,
Għax hawn la nara, la nisma'
Addijo l-inkwiet u skemi.

Imma kif f'rasi waħħaltha
Li kelli nibqa' fuq il-friex,
Ħsieb mis-sema tani l-ħajja
Li ma mmurx nintemm u nibbies!

Mill-bogħod bdejt nisma' għadd t'ilħna
Li f'kantaliena ma waqfux,
Bdejt jgħajtuli: "Patri! Patri!
Għat-talba tagħna tibqax trux!

Qum minn hemm u ejja żurna!
Ejja farraġna kif taf int!,
Ejja tbissmilna tbissima
Isa! Ħaffef! Avolja ħxint!"

U għal dil-kelma tal-poplu
Xi stajt nagħmel jien Patri żgħir,
Għajr li ninżel b'pass ta' nemla
Filwaqt li l'Alla niżżi ħajr!

Għax minn qajjimni dalgħodu?
Min tani l-grazzja nibqa' ħaj?
Min imlieli pulmuniti?
B'nifsu jekk mhux Kristu r-Ragħaj?

Mhux Hu jgħallimni minn kollox?
Mhux Hu jfehmni ħaġa ħaġa?
Mhux Hu li ta' Omm tant twajba
Itellagħni tarġa tarġa?

Tafu xi ħlewwa għandu Kristu
Ma' min jintefa' naqra ħdejh?
Tafu x'qalb kbira hu għandu?
X'faraġ joħroġ minn dawk għajnejh?

Għalhekk qtajtha li filgħodu
Lilu nkellem ħa nieħu r-ruħ,

Imbagħad lil Ommu jressaqli
Biex fi ħdanha nkun baħbuħ!

Kemm int ħelwa O Marija!
Kemm nistennieha li nkun ħdejk!
X'gost nieħu f'kull għodwa meta
Inbusek waħda fuq ħaddejk!

L-għaliex kull darba li nbusek
Qalbi tegħreq f'sliem dejjiemi,
Mhux għalhekk nikkonsagralek
Lili nnifsi ħa nkun ħieni?

Ħdejja irridek il-ħin kollu
Aqbadli jdejja, tħallinix,
Oħla mill-imħabba tiegħek
Żgur fuq li żgur li jien m'għandix!

Għalhekk, Marija, ħa mmorru
Interrqu mal-morda wliedek,
Żommni mgħannaq miegħek Ommi
Tini 'l Ġesù f' twissijietek!

Għax din tassew hi l-imħabba
Li mhux tintemm imma ddum,
Imħabba li tgħożż u twissi
Lilha nirċievi meta nqum!

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Jannar 2020